Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima

Appell Nru: 286/2017

Il-Pulizja

Vs

Christian Mifsud

Illum 25 ta' Ottubru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra Christian Mifsud detentur tal-Karta tal-Identita' Maltija bin-numru 77887M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Ghax-xahar ta' Ottubru, Novembru u Dicembru, 2016, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat (Kap. 9, Artikolu 18).

1. Naqas li jghati lil Dorianne Cauchi, is-somma ta' €280 fix-xahar, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghall-uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax il-jum minn dak il-jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Marzu, 2017, fejn il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18 u 338(z) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; wara li semghet lill-partijiet jitrattaw fuq il-piena li setghet tinghata

lill-imputat, il-Qorti sabet lill-imsemmi mputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-prosekuzzjoni u kkundannatu ghal-xahrejn prigunerija.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Christian Mifsud, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-htija tal-appellant, tirriformha u tvarjha in kwantu l-piena billi minflok il-pliena nflitta tissostitwixxi ghall-istess piena, piena aktar ekwa u gusta ghall-kaz odjern.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant:

5. Illi l-aggravju tal-esponent huwa fuq il-piena erogata mill-Ewwel Qorti ma qisietx ic-cirkostanzi finanzjarji tieghu u ghalhekk irrendiet impossibli l-hlas tal-manteniment.

6. Illi prelimianrjament, l-esponenti jirrikonixxi li ghandu obbligu li jhallas manteniment u kien propju ghalhekk li meta l-partijiet dehru ghas-seduta ghat-3 ta' April, 2017, u mill-ewwel ammetta ghaliex jaf li ma kellu ebda raguni li jikkontesta l-akkuza kontrih.

7. Illi l-esponenti jixtieq li jlahhaq mal-obbligu tal-manteniment tieghu izda minhabba li fil-passat kien ghadda minn perjodu ferm difficili, ma setax jonora l-obbligu ta' manteniment u ghalhekk jinsab f'glieda kontinwa biex ilahhaq mal-ispejjez li kellu jghamlu fil-passat.

8. Illi kien f'dan il-kuntest li l-esponenti mill-ewwel ammetta l-akkuza tieghu, bit-tama li l-Ewwel Qorti taghtih zmien b'applikazzjoni tal-artikolu 28H sabiex jottempra ruhu.

9. Illi madanakollu l-Ewwel Qorti ma accettatx din il-proposta u minflok imponiet is-sentenza ta' xahrejn prigunerija. Effettivament dan ser ifisser li l-hlas tal-manteniment ghax-xhur indikati fl-akkuza mhumiex ser jithallsu. Aghar minn hekk, l-imposizzjoni ta' xahrejn prigunerij ser twassal ghat-telf tal-impjieg tal-esponenti u konsegwentement ser jibda ciklu vizzjuz fejn qatt ma ser ikun f'posizzjoni li jhallas il-manteniment billi dejjem ser ikun il-habs minhabba li ma jkunx hallas il-manteniment.

Ikkunsidrat,

Illi mill-verbal tas-seduta ta' llum jirrizulta illi l-manteniment dovut in konnessjoni ma din l-akkuza thallas fl-intier tieghu. Ghaldaqstant, ghalkemm l-akkuza xorta tirrizulta, madankollu ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u minflok dik ta' xahrejn prigunerija, tillibera lill-appellanti taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

Edwina Grima LL.D

Imhallef